## Il-Ħadd, 16 ta' Ġunju 2019

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Baqagħli ħafna ħwejjeġ
x'ngħidilkom, imma għalissa
ma tifilħux għalihom.
Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità,
iwassalkom għall-verità kollha;
għaliex hu
ma jgħid xejn minn tiegħu,
imma jgħid dak li jisma',
u jħabbrilkom il-ġejjieni.
Hu jagħtini glorja,
għaliex jieħu minn dak li hu tiegħi
u jħabbru lilkom.
Dak kollu li għandu l-Missier
huwa tiegħi.
Għalhekk għedt li jieħu minn
dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 16, versi 12-15***

**197**

"It-Trinità hija komunjoni ta' persuni divini li huma waħda mal-oħra, waħda għall-oħra, waħda ġewwa l-oħra: din il-komunjoni hi l-ħajja ta' Alla, il-misteru ta' mħabba ta' Alla l-Ħaj ... Waqt li naħsbu fuq il-misteru tal-għaġeb li minnu ġejjin u li lejh sejrin, tiġġeddilna l-missjoni li ngħixu l-għaqda ma' Alla u mal-oħrajn fuq il-mudell li toffrilna l-komunjoni divina. Aħna msejħin biex ngħixu mhux wieħed mingħajr l-ieħor, wieħed fuq l-ieħor jew wieħed kontra l-ieħor, imma wieħed mal-ieħor, għall-ieħor u fl-ieħor."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 31 Mejju 2015

*X'valur nagħti lill-komunjoni?*

*Hemm xi ħaġa f'ħajti li mhix tgħin biex titkattar il-komunjoni?*

# Komunjoni

Trinità Qaddisa, jekk hemm kelma waħda
li tgħinna nfissruk xi ftit ta' bnedmin li aħna,
din hija l-kelma 'komunjoni',
u dik tiegħek
hija komunjoni li mhi nieqsa minn xejn.
U għalhekk, kemm għandna bżonn
inżommuk dejjem quddiemna
u nixorbu minn dak li Inti
fir-relazzjonijiet li aħna jkollna ma' xulxin.
Kemm għandna bżonn nagħmlu tagħna
s-sbuħija ta' li wieħed jgħix mal-ieħor,
b'kuntrast mal-kruha ta' min jgħix mingħajr l-ieħor;
is-sbuħija ta' li wieħed jgħix għall-ieħor
b'kuntrast mal-kruha ta' min jgħix kontra l-ieħor;
is-sbuħija ta' li wieħed jgħix fl-ieħor;
b'kuntrast mal-kruha ta' min jgħix fuq l-ieħor.

## It-Tnejn, 17 ta' Ġunju 2019

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Smajtu x'intqal:
'Għajn b'għajn u sinna b'sinna'.
Imma jiena ngħidilkom
biex bniedem ħażin ma tiqfulux;
anzi jekk xi ħadd jagħtik daqqa
ta' ħarta fuq ħaddek tal-lemin,
dawwarlu l-ieħor ukoll;
u lil min ikun irid itellgħek il-qorti
u jeħodlok il-libsa,
ħallilu wkoll il-mantar.
U jekk xi ħadd iġagħlek
timxi miegħu mil wieħed,
mur miegħu tnejn.
Agħti lil min jitolbok
u ddawwarx spallejk lil min
ikun irid jissellef mingħandek."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 5, versi 38-42***

198

"Ġesù mhux qed jitlob
lid-dixxipli tiegħu
biex jibqgħu vittmi tad-deni;
anzi jitlobhom jagħmlu reazzjoni,
imma mhux b'deni ieħor,
imma bit-tajjeb. B'hekk biss
titkisser il-katina tal-ħażen:
il-ħsara twassal għal ħsara oħra,
u oħra u tibqa' sejra.
Jinbidlu tassew l-affarijiet
meta nkissru dil-katina ta' ħażen.
Fil-fatt il-ħażen hu vojt - it-tajjeb
svujtat - u l-vojt ma jistax jimtela
b'vojt ieħor, imma biss b'xi ħaġa li
timlieh tassew, jiġifieri bit-tajjeb."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 19 Frar 2017

*X'nagħmel quddiem il-ħsara li nġarrab?*

*Nemmen tassew li l-ħażin, bit-tajjeb jintrebaħ?*

# Għajnejn u snien

Inti, Mulej, tistedinna nkunu kreattivi waħda sew
fil-mod ta' kif inwieġbu għall-ħsara
li ħaddieħor jagħmlilna u li biha jweġġagħna;
fil-mod ta' kif nilqgħu t-talbiet
li ħaddieħor jagħmlilna u li bihom jiskomodana.
Inti tistedinna ma nagħmlux ħlief it-tajjeb:
huwa biss it-tajjeb li jgħarraq il-kilba
li wieħed ipatti għad-deni li jirċievi;
huwa biss it-tajjeb
li ma jkomplix iżid in-numru tal-ħoloq
fil-katina tal-ħażen li ma tħallix ħlief
nies mingħajr għajnejn u mingħajr snien;
huwa biss it-tajjeb li jirbaħ fuq kull skumdità.
Tħalliniex, Mulej, nibżgħu minn din il-kreattività
li Inti tħeġġiġna biex inħaddnu,
akkost li jlaqqmuna mġienen!

## It-Tlieta, 18 ta' Ġunju 2019

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Smajtu x'intqal: 'Ħobb lil għajrek, u obgħod lill-għadu tiegħek'. Imma jiena ngħidilkom: Ħobbu lill-għedewwa tagħkom, u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom, biex tkunu wlied Missierkom li hu fis-smewwiet; għax hu jtalla' x-xemx tiegħu sew fuq il-ħżiena u sew fuq it-tajbin, u jniżżel ix-xita sew fuq min hu tajjeb u sew fuq min mhuwiex. Għax jekk intom tħobbu lil min iħobbkom, xi ħlas jistħoqqilkom? Mhux il-pubblikani wkoll jagħmluh dan? ... Kunu mela perfetti, bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet."

*Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 5, versi 43-46. 48*

# 199

"Fl-ispjega li Ġesù jagħti
dwar il-Kmandamenti,
l-aktar fil-Vanġelu
skont San Mattew,
hemm mixja ta' fejqan.
Qalb miġrugħa
mid-dnub oriġinali
- u aħna ilkoll għandna
din it-tebgħa -
trid tgħaddi
minn din it-triq ta' fejqan
mid-dnub,
u tfiq,
u hekk tkun tixbah lill-Missier
li hu perfett."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni,* 14 Ġunju 2016

# Livell għoli

*Lil Kristu nħallih idaħħalni fil-perfezzjoni tal-Missier?*

*Fiex jien fis-sejħa li nħobb anki lil dawk li narahom bħala għedewwa tiegħi?*

Il-Missier tiegħek tas-sema, Mulej, ma jagħżilx
fuq min minna l-bnedmin jixħet imħabbtu:
għaliH aħna lkoll uliedu,
anki dawk li din il-verità ma jagħrfuhiex;
għaliH aħna lkoll ta' min ikun Missier għalina
u ta' min jibqa' jkun hekk, jiġri x'jiġri,
anki dawk li, bħall-iben il-ħali
tal-parabbola li għedtilna Inti,
jagħżlu li jaħlu mħabbtu.
Inti trid iddaħħalna f'din il-perfezzjoni tal-Missier
f'dik li hija mħabba
billi tistedinna nħobbu bħalU, u lil kulħadd.
Inti trid tpoġġina fuq livell tassew għoli:
il-livell li qiegħed fuqu Alla nnifsu.
Fejjaqna mill-ħafna fdalijiet li għandna ġo fina
minn dak li kienu jħaddnu l-pubblikani fi żmienek.

## L-Erbgħa, 19 ta' Ġunju 2019

Ġesù qal lid-dixxipli: "Qisu li l-għemil tajjeb ma tagħmluhx għal wiċċ in-nies, għax inkella ma jkollkomx ħlas mingħand il-Missier tas-sema ... Meta tagħmel karità, idek ix-xellugija m'għandhiex tkun taf x'inhi tagħmel il-leminija, biex hekk il-karità tiegħek issir fil-moħbi, u Missierek, li jara dak li hu moħbi, iroddlok Hu ... Meta titlob, idħol fil-kamra tiegħek ta' ġewwa, agħlaq il-bieb warajk, u itlob lil Missierek li hu fil-moħbi; u jroddlok Hu ... Meta tkun sajjem, idlek xagħrek u aħsel wiċċek, biex mhux quddiem in-nies tidher li tkun sajjem, imma quddiem Missierek li hu fil-moħbi; u jroddlok Hu."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 6, versi 1. 3-4. 6. 17-18***

200

"Meta nagħmlu xi ħaġa tajba, xi drabi jkollna t-tentazzjoni li nistennew apprezzament u xi għamla ta' ħlas: il-glorja umana. Imma dan huwa kumpens falz għaliex jieħu l-ħarsa tagħna lejn dak li l-oħrajn jaħsbu dwarna. Ġesù jitlobna nagħmlu t-tajjeb għax huwa tajjeb. Jitlobna nħossuna dejjem taħt il-ħarsa tal-Missier tas-sema u ngħixu f'rabta miegħU, u mhux f'rabta mal-ġudizzju tal-oħrajn. Li tgħix fil-preżenza tal-Missier huwa ferħ ħafna iżjed profond mill-glorja tad-dinja."

PAPA FRANĠISKU, *Messaġġ Awdjo,* Inizzjattiva *Keep Lent,* Żgħażagħ f'Palermo, 10 Frar 2016

# Ħsejjes

*Fit-tajjeb*
*li nagħmel,*
*kemm jien*
*immexxi*
*minn dak*
*li jaħseb*
*ħaddieħor?*

*Xi tkun*
*ir-reazzjoni*
*tiegħi*
*meta ħadd*
*ma jinduna bih?*

It-tajjeb, Mulej,
ħafna drabi ma jagħmilx ħoss.
U dil-ħaġa tkiddna l-aktar meta niftakru
kemm ħsejjes jagħmel il-ħażin.
U jiġi x'jgħidilna
li hemm bżonn li nsemmgħu f'widnejn kulħadd
it-tajjeb li nagħmlu.
Imma b'mod fin għall-aħħar
iddeffes denbha l-glorja tad-dinja,
glorja li għandha l-qawwa tagħmilna lsiera tagħha:
ikun l-ispirtu tad-dinja li jiddettalna
meta nagħmlu t-tajjeb, kif nagħmlu t-tajjeb.
Ikkonvinċina, Mulej,
li t-tajjeb dejjem jagħmel ħoss
quddiem Alla Missierek,
għax qatt mhu trux għalih.

## Il-Ħamis, 20 ta' Ġunju 2019

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:
"Intom u titolbu
toqogħdux tlabalbu
bħall-pagani; dawn mingħalihom
li, iktar ma jgħidu, iktar jinstemgħu.
Tkunux bħalhom, għax Missierkom
jaf x'teħtieġu, qabel ma titolbuh
intom. Mela itolbu hekk:
Missierna, li inti fis-smewwiet,
jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
ikun li trid int,
kif fis-sema, hekkda fl-art.
Ħobżna ta' kuljum agħtina llum.
Aħfrilna dnubietna,
bħalma naħfru lil min hu ħati
għalina. U la ddaħħalniex
fit-tiġrib, iżda eħlisna mid-deni."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 6, versi 7-13***



"Ġesù jżomm bogħod mit-talba
tal-pagani ... dawn jaħsbu li iktar
ma jgħidu, ireddnu, iktar ikunu
jitolbu. Jiġuni f'moħħi ħafna nsara
li jemmnu li titlob ifisser 'titkellem
ma' Alla bħal pappagall'. Le! Trid
titlob mill-qalb tiegħek, minn
ġewwa fik. Inti - jgħidlek Ġesù -
meta titlob, dur lejn Alla bħal
iben lejn missieru, hu li jaf
dan x'għandu bżonn qabel ma
jitolbhulu. Biżżejjed noqogħdu
taħt il-ħarsa ta' Alla, niftakru
fi mħabbtu ta' Missier; dan ikun
biżżejjed biex jismagħna."

PAPA FRANĠISKU,
*Udjenza Ġenerali,* 2 Jannar 2019

*Kif nersaq jien lejn Alla fit-talb?*

*InħalliH idewwaqni lilu nnifsu?*

# Paroli

Alla Missierek
mhux paroli jrid mingħandi, Mulej,
imma qalb ta' iben,
qalb miftuħa beraħ għaliH,
qalb li ma tħabbatx ħlief
b'dak li joħroġ mill-qalb Tiegħu,
qalb li tintilef fiH u fl-Adorazzjoni Tiegħu.
Aħfirli, Mulej, ta' kemm nitkellem biss
miegħi nnifsi fit-talb;
aħfirli ta' kemm naħseb
li lil Alla nista' nimpressjonaH
bit-talb li nagħmel bix-xufftejn biss;
aħfirli ta' kemm ma nħallix lilek turini
kif nagħmilha mal-Missier fit-talb;
aħfirli ta' kemm ma nħallikx tagħġinli lil qalbi
b'dik il-fiduċja fiH.

## Il-Ġimgħa, 21 ta' Ġunju 2019

Ġesù qal
lid-dixxipli tiegħu:
"Tgeddsux għalikom
teżori f'din id-dinja,
fejn kollox jitmermer
bil-kamla u s-sadid,
u fejn il-ħallelin
jinfdu u jisirqu.
Iżda ġemmgħu għalikom
teżori fis-sema,
fejn xejn ma jitmermer
u la bil-kamla
u lanqas bis-sadid,
u fejn ma hemmx ħallelin
jinfdu u jisirqu.
Għax fejn hemm it-teżor tiegħek,
hemm tinsab qalbek ukoll."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew,***
***kapitlu 6, versi 19-21***



"Jekk it-teżor tiegħek hu fil-ġid tad-dinja, fil-vanità, fil-kburija, qalbek tkun marbuta miegħu bil-ktajjen; qalbek issir ilsiera tal-għana, tal-vanità, tal-kburija. Dak li Ġesù jrid li jkollna hija qalb ħielsa! U biex ikollok qalbek tabilħaqq ħielsa trid tkun marbuta biss mat-teżori tas-sema: l-imħabba, il-paċenzja, il-qadi tal-oħrajn, l-adorazzjoni ta' Alla. Dawn huma r-rikkezzi veri li ma jistgħux jinsterqu. Ir-rikkezzi l-oħra jtaqqlu l-qalb, jorbtuha bil-ktajjen u ma jħalluhiex ħielsa!"

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni,* 20 Ġunju 2014

*Wara xiex tiġri*
*l-qalb tiegħi?*

*Dak li warajh*
*qiegħda tiġri,*
*jimlieha?*

# Teżori

Huwa għaqal, Mulej,
li jien ingeddes teżori li jibqgħu,
kif hija bluha li jien niġri wara dawk
li ħajja għandhom ftit wisq.
Fuq il-karta
dan jien ma nikkontestahx.
Imma ħajti tikkontestah,
iva, u kif!
Għalhekk nitolbok, Mulej:
kun Int li tgħinni niskopri t-teżori tiegħek
ladarba dawn huma teżori li jibqgħu;
kun Int li tgħinni nagħti valur kbir
lil dawk il-ħwejjeġ
li lilhom Inti tagħti valur kbir;
kun Int li tgħinni nqiegħed il-qalb tiegħi
f'dak li hu għażiż għaliK.

## Is-Sibt, 22 ta’ Ġunju 2019

Ġesù qal lid-dixxipli: “Tinkwetawx ruħkom għal ħajjitkom, x’se tieklu jew x’tixorbu, anqas għal ġisimkom x’se tilbsu. Jaqaw il-ħajja mhijiex aqwa mill-ikel, u l-ġisem aqwa mill-ilbies? Ħarsu lejn l-għasafar: la jiżirgħu u lanqas jaħsdu ... u Missierkom li hu fis-smewwiet jitmagħhom! Intom ma tiswewx aktar minnhom? U min minnkom, bl-inkwiet kollu tiegħu, se jseħħlu jtawwal għomru mqar b’jum wieħed biss?... Mela fittxu l-ewwel is-Saltna u l-ġustizzja ta’ Alla, u dan kollu jingħatalkom ukoll. Mela toqogħdux tħabblu raskom għall-għada.”

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 6, versi 25-27. 33-34a***

**203**

“Ħajjitna tgħaddi mill-ansjetà ta’ tant preokkupazzjonijiet li jirriskjaw li jisirqulna s-serenità u l-bilanċ; imma din id-diqa spiss hi inutli, għax ma jirnexxilhiex tibdel il-kors tal-ġrajjiet. Ġesù jeżortana bil-kbir biex ma nitħassbux dwar għada, billi jfakkarna li fuq kollox hemm il-Missier li jħobb u li qatt ma jinsa lil uliedu; meta nafdaw fiH ma jfissirx li b’maġija se jissolvew il-problemi kollha imma jgħinna naffrontawhom bl-attitudni t-tajba, bil-kuraġġ; jien kuraġġuż għax nafda f’Missieri li jieħu ħsieb kollox u jħobbni ħafna.”

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 26 Frar 2017

*X'inhu*
*dak li qed*
*jeħodli moħħi*
*bħalissa?*

*Hemm għalfejn*
*jeħodli moħħi?*

# Inkwiet

Żgur li Inti ma tberikx l-għażż, Mulej;
żgur ma tberikx
in-nuqqas ta' ħsieb,
it-telqa,
it-traskuraġni.
Imma kemm niffranka ansjetà,
kemm niffranka tensjoni u qtiegħ il-qalb
kieku nafda iżjed fik bis-serjetà,
kieku nfittex qabel kollox is-saltna tiegħek,
kieku nħalli ħidmieti fl-idejn għaqlin tiegħek.
Nissel fija l-kwiet;
nissel fija l-paċi tal-qalb;
għallimni nwettaq b'kalma
kulma nista' nwettaq
waqt li nħalli l-bqija f'idejk.
Inti taf tajjeb x'għandek tagħmel!